MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 1143/2005

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**Vs**

**Josef (Joseph) Sharfid**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Josef (Joseph) Sharfid ta’ 30 sena bin Mohammed u Maria Dolores nee Mangion mwieled il-Pieta’ fid-9 ta’ Awwissu 1975 u joqgħod 11, Flat 3, Triq id-Dejqa Valletta li għandu karta tal-identita’ numru 0392375 (M)

Akkużat talli:

1. Fil-15 t'Ottubru 2005, bejn is-2.30 am u t-3,00 pm f'tal-Pieta' kkomeetta serq ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JBB889 tal-marka Peugeot li tiswa aktar minn Lm1,000 għad-detriment ta' Mario Bartolo minn tal-Pieta' liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, ħin u xorta tal-ħaġa misruqa.

2.U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirksotanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fil-vettura tal-għamla Peugeot bin-numru tar-reġistrazzjoni JBB889 liema ħsara tiskorri l-ħamsin lira Maltin (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt lira MAltija (Lm500) għadd-annu ta' Mario Bartolo minn tal-Pieta';

3. U aktar talli fil-15 t'Ottubru 2005 u matul il-jiem ta' wara din id-data f'Malta xjeentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

4. U aktar billi sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti kompetenti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru 3923 tal-1975, il-fedina penali tal-imputat, id-dokument MB2 – MB!4 a fol 29, id-dokument MB 15 , is-sentenzi a fol 49 et seq  u l-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali fis-6 ta' Settembru 2006 li nqraw fl-10 ta' Ġunju 2009 (fol 76).  L-Imputat ddeċieda li jibqa' quddiem din il-Qorti.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

Skond l-Uffiċjal Prosekutur fil-15 t'Ottubru 2005 kienet insterqet karozza minn tla-Pieta' li nstabet fiż-żejtun.  PS 1429 Mangion kien mar fuq il-post flimkien ma' uffi`jail oħra u mxew wa l-imputat li kien ma' tnejn oħra.  L-

imputat kien qal lil persuna oħra li kellu kaorzza għall-bejgħ u meta din il-persuna l-oħra rat il-karozza pparkjata qalet lill-imputat li dik il-karozza ma kenitx tgħodd għaliha.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal ‘Naħliflek li ma straqt xejn’ meta kien mistoqsi dwar is-serq tal-karozza Peugeot fil-15 t’Ottubru 2005. Innega wkoll li kien mar biex ibiegħ il-bibien tal-Peugeot. L-imputat qal li qatt ma kien seraq karozzi.

PC 404 Camilleri ppreżenta r-ritratti tal-karozza misruqa.

PC 1253 Frederick Brincat eleva l-impronti diġitali.

PS 1429 Eric Mangion xehed li wara telefonata anonima fl-għassa taż-Żejtun li żewġ ġuvintur u tfajla kienu qed jipprovaw ibigħu Peugeot 106 bajda. Huwa ddeskriva kif Kienu raw żewġ ġuvintur u tfajla mexjin u ssuspettaw li setgħu kienu huma li serqu l-karozza. Huma niżlu fejn Peugeot bajda 106 JBB 839 u fosthom kien hemm l-imputat.

PC 790 Raymond Mizzi u PC 1324 Stefan Aquilina xehdu li huma kienu segwew żewġ ġuvintur u tfajla sa fejn hemm is-Silver Craft. Wieħed tela’ fuq vann transit u saqu lejn iż-Żejtun. Il-Pulizija baqgħet issegwiehom sakemm waslu ħdejn il-Peugeot imsemmija. Iċċekkjaw il-vettura u sabu li kienet misruqa.

Xehed Maurice Spiteri li xehd li fis-17 t’Ottubru 2005 l-imputat mar ibegħlu żewġ bibien. Huwa xtaq jarhom iżda l-imputat qallu li ma kinux għandu. Imbaħgad marru ż-Żejtun, kien hemm karozza pparjkjata barra u qallu li dawn kienu. Ix-hud qallu li din kienet karozza sħiħa. L-imputat qallu li l-bibien kienu maqlugħin. Ix-xhud qabad u telaq minn fejn kien ġie u qal lill-imputat biex ma jersaqx lejh aktar. Il-karozza kienet ipparkjata wara container.

L-Ispettur Marthese Micallef ikkonfermat l-identita’ tas-sentenza esibita. (fol 51).

Xehed Mario Bartolo, sid il-karozza Peugeot, li qal li kienet insterqitlu l-karozza msemmija fil-15 t'Ottubru 2005 u li nstabet fis-17 t'Ottubru 2005. Il-karozza kellha l-bibien maqlugħin u ħafna affarijiet neqsin. (fol 54). Il-karozza kienet inxurjata għal Lm1200.

**Id-Difiża**

L-imputat xehed qal li l-karozza inkwistjoni ma kienx seraqha hu iżda persuna oħra M.F. u kien qed jiżvela din l-informazzjoni illum. L-imputat qal li kien li jaf li l-karozza kien seraqha M.F. u fejn kienet qegħda u kien ser ibigħhielu huwa għax dak iż-żmien kien drug addict. Il-karozza ma kenitx għand l-imputat iżda kienet instabet iż-Żejtun, Kien hemm wieħed li jixtri l-parts u kien ser jixtriha minn għand l-imputat. L-imputat kien jaf li l-karozza kieent insterqet minn M.F u kien jaf fejn għamilha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

L-ewwel imputazzjoni hija dwar serq. L-imputat innega fl-istqarrija li hu kien seraq il-karozza in kwistjoni. Il-provi li ġabet il-Prosekuzzjoni ma jwasslux 'l hemm minn kull dubju raġonevoli li kien l-imputat li seraq il-karozza. Fis-serq irid ikun hemm iċ-ċaqliq ta' ħaġa minn post għall-ieħor u trid isir il-prova dwar min ikun ċaqlaq ħaġa minn psot A għall-post B. Il-provi juru li l-imputat ried ibiegħ xi partijiet minnha.

L-imputat xehed u qal li hu kien jaf min kien seraq il-karozza u li hu (l-imputat) kien qed jgħinu biex ibiegħ il-karozza f'parts. Huwa reġa' nnega li kien hu li ħa l-karozza.
Meta eżaminat il-provi kollha l-Qorti qed tiddeċiedi li m'hemmx provi biżżejjed li juru li kien l-imputat li ċaqlaq il-karozza mill-Pieta' għaż-Żejtun. Il-karozza ma nstabitx għandu iżda barra t-triq 'il bogħod minn fejn joqgħod l-imputat. Dak iż-żmien l-imputat lanqas fejn joqgħod suret

in-nies ma kellu. Il-fatt li l-imputat kien jaf li l-karozza kienet misruqa ma jwassalx għall-konvinciment morali li kien hu li seraqha. Għalhekk il-Qorti qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Lanqas ma jiriżulta li l-imputat kien għamel xi ħsara hu fuq il-Peugeot JBB 889. Ukoll jekk offra li jbigħ il-bibien tagħha, din l-offerta waħidha mingħajr ebda evidenza oħra, ma twassalx għall-konklużjoni li l-imputat għamel il-ħsara hu. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

It-tielet imputazzjoni fl-aħħar parti hemm dan il-kliem:

'jew, xjentement, b'kull mod li junk, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom'.

Il-Qorti qed tikkonkludi li m'hemmx prova li l-imputat 'laqa' għandu' għaliex il-karozza nstabet fit-triq u mhux f'xi binja tal-imputat.

Iżda l-Qorti għandha quddiemha provi biżżejjed li l-imputat kien jaf li kienet misruqa. Dan xehdu l-imputat stess waqt li x-xhud Maurice Spiteri urieh biċ-ċar li ma kienx interessat li jixtri affarijiet misruqa ukoll jekk l-imputat ħtieġlu għajnuna finanzjarja. Għalhekk jirriżulta li l-imputat kien jaf li l-karozza kienet misruqa.

Li ttanta jbiegħ xi partijiet minnha jirriżulta b'mod l-aktar ċar mix-xhieda ta' Maurice Spiteri u tal-imputat innifsu. Il-fatt li l-bejgħ ma seħħx ma jfissirx li dan kien tentattiv. L-imputat innifsu xehed li hu kellu l-bżonn tal-flus u allura ndaħal biex iwettaq dan ir-reat. U l-kliem tal-Liġi jgħid 'indaħal biex ibiegħhom' u għalhekk biex tinstab ħati ta' dan ir-reat huwa biżżejjed li tieħu fuq spallejk li tbiegħ l-oġġett ukoll jekk ma jirnexxilekx tbiegħu. Jiġifieri dan

mhux każ ta' tentattiv. Ir-reat huwa komplut malli int taċċetta li tbiegħ l-oġġett misruq. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni kif dedotta kontrih.

**Ir-raba' Imputazzjoni. L-Addebitu tar-reċidiva.**

Dan ġie ipprovat permezz tas-sentenza esibita kif ukoll permezz tal-konferma tal-identita'. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat dan l-addebitu.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279(a), 280, 325, 334(a), 49 u 50 tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni, u qed issibu ħati tat-tielet u tar-raba imputazzjoni. L-imputat xehed li hu kien drug addict u li xtaq jispjega kollox kif ġara. L-artikolu 334 tal-Kap 9 jgħid hekk:

(a) jekk il-ħaġa tkun ġejja mis-serq, bil-pieni tas-serq skond il-valur tal-ħaġa.'

Peress li din ma kenitx karozza ġdida u l-valur għall-fini ta' assigurazzjoni mhux dejjem ikun eżatt, , il-Qorti qed tapplika l-artikolu 279(a) tal-Kap 9, qieset ukoll li l-imputat kien reċediv u kkonsidrat li fl-aħħar ta verżjoni ta' x'seħħ fil-fatt li hija aċċettabbli. Meta qieset dan kollu, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija ta' 11-il xahar.

Qed tirrikomanda wkoll li l-imputat tingħatalu kull għajnuna meħtieġa meta jkun fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------